MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru. 418/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Sultana)**

**vs**

**John Junior Pace**

**Kumpilazzjoni Nru: 418/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Junior Pace u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 530195(M).

Akkuzat talli nhar it-9 ta' April, 2015 f'xi hin matul il-lejl gewwa l-Gzira

1. Assocja ruhu ma' persuna ohra bil-ghan li jaghmel delitt ta' serq li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija; (Artikolu 48A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta).
2. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-€232,94 izda huwa inqas minn €2, 329.7 minn residenza Mayflower 27, Triq Belvedere, Gzira liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok ghad-detriment ta' Giuseppe Grech detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 1005144 (M) u ta' diversi persuni ohra.
3. B'hekk irrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar it-22 ta' Gunju, 2014 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 48A, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hejkk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-eta ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 48A, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. Peress illi ma nzammietx inkjesta u ma gewx nominati esperti l-Qorti qed tastjeni milli tiehu kojizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni dwar hlas ta' spejjez.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------